FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Marzu, 2002

**Numru 21**

**Avviz. numru 281/01JR**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom Henry Pace kif ukoll l-istess Henry Pace**

**vs**

**Peter Zarb**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' April, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm221.47) danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-18 ta'**

**Lulju, 1999, gewwa Attard bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAJ-518 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru KAA-871 misjuqa minn Henry Pace, l-assikurat tas-socjeta` attrici, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 22 ta' Ottubru, 1999, u ta' l-ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assigurazzoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fit-13 ta' Frar, 2002, li biha ceda l-atti tal-kawza pero` zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 22 ta' Ottubru, 1999, u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assigurazzoni tal-konvenut.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**